# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IL-ĦAMES LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 42 – IT-TNEJN 18 ta' ĠUNJU 2012

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fid-8:50pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Antoine Vella | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Helen Maria Bugeja | Kunsillier (marida) |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier (xogħol) |

Ma kienx hemm membri mill-pubbliku jattendu għal-laqgħa ħlief għall-preżenza tal-*accountant* biex jagħmel l-intervent tiegħu.

Il-laqgħa damet ma bdiet minħabba li ma kienx hemm quorum. Minħabba li l-Kunsillier Vella kien informa li se jasal tard minħabba x-xogħol, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jisenna sakemm jasal hu u l-laqgħa ssir xorta waħda.

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 40 U 41

1.1 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li f'para. 8.4 tal-minuti 40, jinbidlu l-kliem 'Ġie ssuġġerit li' ma' 'Is-SE ssuġġeriet li'.

1.2 Il-Minuti tas-seduta 40 ġew meqjusa bħala moqrija u ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

1.3 Il-Minuti tas-seduta 41 ġew meqjusa bħala moqrija u ġew approvati unanimament bla emendi u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI 40 U 41

2.1 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Vella dwar xi żviluppi fil-każ tas-Sinjuri li għandhom problema bis-siġar fi Triq Sir Leslie Rundle, is-SE infurmat li kienet ġiet infurmata mill-istess resident li l-Awtorità tad-Djar kienet qed tiġbor xi kwotazzjonijiet biex jinqalgħu dawn is-siġar.

2.2 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar ir-*railing* ta' Triq Santa Luċija, is-SE infurmat li r-railing ma jistax jiġi orizzontali kif issuġġerixxa għaliex jista' jkun ta' periklu akbar għat-tfal.

2.3 Sadanittant, is-Sindku ġibed l-attenzjoni li kien irċieva kommunikazzjoni dwar il-periklu miċ-ċinta li hemm fi Triq San Oswald u għaldaqstant talab lis-SE sabiex tħaffef il-proċess biex jibda x-xogħol neċessarju.

2.4 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Vella dwar it-talba għal *double yellow lines* fi Triq Santa Luċija, is-SE infurmat li kienet ħadet ir-ritratti iżda ma kinitx għadha bagħtet it-talba lil TM.

2.5 Kien hemm qbil li l-Kunsill jiddiskuti punt numru 7, jiġifieri r-risposta għall-*management letter* (31 ta' Diċembru 2011) minħabba li kien wasal l-*accountant* tal-Kunsill.

## 3. RISPOSTA GĦALL-*MANAGEMENT LETTER* (31 TA' DIĊEMBRU 2011)

3.1 L-Accountant spjega li minħabba li din is-sena l-Kunsill kellu żewġ audits, għaldaqstant kien irċieva żewġ *management letters* u għaldaqstant kellu jipprepara żewġ risposti. Huwa ta spjegazzjoni dwar il-kontenut tal-*management letter* għall-aħħar tas-sena 2011.

3.2 Inġibdet l-attenzjoni li para. 2.2 jgħid li l-Kunsill nefaq somma akbar milli suppost għall-festin tal-milied tal-istaff. Dan ma kienx minnu u l-Kunsill nefaq biss il-massimu tal-allokazzjoni għal seba' persuni, il-ħames kunsilliera u żewġ membri tal-istaff.

3.3 Inġibdet l-attenzjoni wkoll għall-fatt li f'para. 4.7 issemma' li kienu ntalbu l-kontijiet tal-Korporazzjoni tal-Ilma għas-snin 2009, 2010 u 2011 u li s-SE m'għaddiethomx. Fil-fatt is-SE kienet għaddiet kopja tal-kontijiet għas-sena 2010 u 2011 iżda qatt ma ntalbet tgħaddi kopja għas-sena 2009.

3.4 Ir-risposta ġiet iffirmata u approvata kif emendata.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Is-SE preżentat rapport li juri d-dħulijiet li kellu l-Kunsill matul ix-xahar ta' Mejju. Kopja tiegħu hija annessa.

4.2 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li għalkemm il-kont tal-Mailbox kien ta' €428.43 għat-tqassim tal-fuljett ta' Military Mtarfa, dawn kienu bagħtu wkoll *credit note* għal €28.43 sabiex jitnaqqsu mill-kont li jmiss.

4.3 Is-SE ġibdet l-attenzjoni wkoll li kontra l-kont ta' Star, kienet inħarġet *credit note* ta' €100 minħabba li t-*toner* tal-*printer* kien difettuż.

4.4 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

4.5 Fuq talba tal-Kunsillier Vella kien hemm qbil li s-SE għandha tgħaddi l-lista tal-ispejjeż tal-attività ta' Military Mtarfa.

## 5. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

5.1 Is-Sindku talab lis-SE tivverifika ma' TM għaliex għadha ma twaħħlitx il-mera fil-bypass tal-Imtarfa minħabba l-periklu li hemm.

5.2 Is-Sindku talab lis-SE sabiex tagħmel spezzjoni viċin tal-bandli għaliex ġie infurmat li hemm bżonn li jsir kanal żgħir minħabba l-ilma tax-xita.

5.3 Sadanittant fuq talba tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li jinqala' *planter* minn Triq in-Narċis.

5.4 Is-Sindku informa li kien reġa' prova jagħmel kuntatt mal-Awtorità tad-Djar dwar il-kwistjoni tad-dawl ta' Binja Msieraħ. Sadanittant is-SE infurmat li kellu jżur il-binja rappreżentant għoli tal-Awtorità. Is-Sindku u l-Viċi Sindku talbu li jkunu preżenti għal-laqgħa.

5.5 Is-Sindku informa li l-Awtorità tad-Djar kienet se tgħaddi kamra lill-iMtarfa Scouts Group iżda kienet talbet lill-Kunsill biex jifthilhom l-aċċess minħabba li l-bieb huwa mbarrat bil-ġebel. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u approva din l-inizjattiva min-naħa tal-Awtorità.

5.6 Ma kienx hemm oġġezzjoni għas-suġġeriment tas-Sindku sabiex tiġi organizzata ħarġa għal Għawdex għall-anzjani tal-lokalità nhar il-Ħamis 6 ta' Settembru. Il-Kunsill kien se jħallas għat-trasport biss.

5.7 Is-SE infurmat li l-Arriva kienet kitbet lura lill-Kunsill għaliex mhux taċċetta r-responsabbiltà tal-qlugħ ta' żewġ *bollards* minn Triq it-Torri tal-Arloġġ ladarba ma kienx hemm xhieda.

5.8 Is-SE infurmat li żewġ membri tar-Red Cross kienu talbu lill-Kunsill sabiex jorganizza trasport għal residenta li r-raġel tagħha għandu *wheel-chair*. Kien hemm qbil li l-Kunsill diġà jipprovdi trasport għall-anzjani tal-lokalità u għaldaqstant is-SE għandha tikkomunika mad-Day Centre sabiex possibbilment isibu voluntier li lest jgħin.

5.9 Is-SE infurmat li l-Kunsill għandu fil-pussess tiegħu BOV Secure-Key li ma tistax tintuża minħabba li la taf il-login u lanqas il-password. Il-Kunsill approva li s-SE tagħmel l-arranġamenti neċessarji sabiex hi u s-Sindku jkollhom *view only access* sabiex ikunu jistgħu jaraw il-finanzi tal-Kunsill mingħajr ma jistennew l-i*statements* fl-aħħar tax-xahar.

5.10 Fuq talba tas-SE, kien hemm qbil li l-*green wardens* jintalbu jagħmlu spezzjonijiet viċin l-iskips b'mod speċjali ma' dawk ta' viċin Binja Ġebel Dwejra, ħdejn l-Iskola Sekondarja u fi Triq Dar il-Kaptan.

5.11 Is-Sindku informa li kien ġie rrapurtat li xi persuna qed taqta' s-siġar mill-bosk. Huwa kien għamel rapport l-għassa dwar dan. Il-Kunsillier Vella kkonferma li huwa wkoll kien ġe mgħarraf b'dan u li kien għamel rapport lill-Għassa tar-Rabat huwa wkoll. Is-SE ġiet mitluba tieħu xi ritratti u tgħaddi r-rapport sabiex possibbilment tittieħed azzjoni mill-awtoritajiet.

5.12 Is-SE infurmat li l-Kappillan kien talabha biex issir *un/loading bay* bejn il-Kappella u l-*isnack bar*. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan iżda talab lis-SE tivverifika jekk hux diġà kienet saret talba qabel.

5.13 Is-SE infurmat li l-eks Aġent SE, is-Sur Kurt Guillaumier, kien bagħat korrispondenza li tgħid li huwa ma kellu l-ebda ftehim bil-miktub mal-iskrivan tal-kunsill sabiex imexxi xi sigħat ta' V/L għal matul is-sena ta' wara.

5.14 Hawnhekk is-SE wasslet talba mingħand l-istess skrivan sabiex jinbidlu l-ħinijiet tas-sajf tiegħu. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-ħinijiet kellhom ikunu kif ġej:

- Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju; mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru – mis-7:30am sal-4:30pm
- Mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Settembru – Mis-7:30am sat-3:00pm
- Mill-1 sal-31 ta' Awwissu – Mis-7:30pm sas-1:30pm

5.15 Is-Sindku talab lis-SE sabiex tibgħat ittra lir-residenti kollha sabiex ikunu infurmati bit-tibdil fil-ħinijiet.

5.16 Is-SE qrat kopja tal-Memo 26/2012 dwar *Car Free Day*. Kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux jipparteċipa.

5.17 Is-SE infurmat li l-kunsill kien irċieva talba mingħand id-Dar tal-Anzjani sabiex Triq l-Anzjani tiġi miksija mill-ġdid. Kien hemm qbil li l-kunsill għandu jgħaddi t-talba lil TM għal xi tip ta' għajnuna.

## 6. MILITARY MTARFA 2012

6.1 Is-SE infurmat li l-attività ta' Military Mtarfa kienet saret u rringrazzjat lil kull min ta sehmu sabiex kollox imur kif pjanat. Sadanittant hija kienet talbet lill-entitajiet Mtarrfin sabiex jgħaddu l-kummenti tagħhom dwar l-attività sabiex jiġi organizzat il-post-mortem flimkien mas-Sur Mario Camilleri.

## 7. PROĠETT TAL-BANDLI

7.1 Is-SE infurmat li kien inbeda x-xogħol fuq il-proġett tal-bandli. Kienet bdiet titneħħa l-ħamrija u nkixfu żewġt ibjar. Sadanittant jidher ukoll li nstabu xi raddi fil-blat li s-Supretendenza kienet qed taħseb li jistgħu jkunu storiċi. Għaldaqstant ix-xogħol tat-tħammil kien se jitkompla kollu bl-idejn sabiex jevitaw kull possibbiltà ta' ħsara jekk jiġi vverifikat li huma hekk.

7.2 Sadanittant, minħabba li hemm possibbiltà li jkollhom ikissru l-bankina, u għaldaqstant ma jkunx għad hemm aċċess għal persuni bil-mixi, kien hemm qbil li jsiru sinjali sabiex ir-residenti jgħaddu bil-mixi mill-*ex-married quarters* fejn hemm kemm rampa kif ukoll taraġ.

## 8. MIŻURA 313 – IL-PROĠETT TAL-BOSK

8.1 Is-SE infurmat li l-MAGF kienu qed jitolbu li l-Kunsill jiftaħ kont bankarju apparti sabiex minnu jamministra l-fondi tal-proġett tal-bosk. Il-Kunsill approva unanimament li jinfetaħ il-kont.

## 9. ESF PROJECT – W.O.M.E.N.

9.1 Il-Kunsill approva li jipparteċipa fi proġett tal-UE bl-isem W.O.M.E.N. flimkien ma' numru ta' Kunsilli Lokali oħra fejn kemm-il darba jiġi approvat il-proġett, setgħet tintrebaħ somma ta' flus sabiex isiru numru ta' sessjonijiet għar-residenti nisa tal-lokalità.

## 10. PUNTI OĦRA

10.1 Il-Viċi Sindku ta rapport dwar xhieda tiegħu li ta fil-Qorti kontra s-sinjuri Zahra li kienu qed jallegaw li fis-sena 2010, kien inqata' xi ħaxix fit-triq tagħhom mill-ħaddiema tal-Kunsill u li saritilhom ħsara fil-vettura tagħhom.

10.2 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar il-funtani, is-SE infurmat li kien ġie nnutat li hemm xi leakage miż-żewġ funtani u għaldaqstant kienet se titlob lill-Perit sabiex isir xogħol fuqhom sabiex ma jibqax jintilef ilma.

10.3 Il-Viċi Sindku għadda rapport dwar il-fatt li mhuwiex sodisfatt bix-xogħol li qed iwettaq il-kennies għaliex qed iħoss li mhux inaddaf biżżejjed. Għaldaqstant talab li l-Kunsill jieħu xi tip ta' azzjoni kontrih. Is-SE infurmat li hija kienet għaddietlu ittra bi twissija aktar kmieni dik il-ġimgħa u li kienet se tkun qed issegwih sew sabiex possibbilment ix-xogħol mitlub isir kif stipulat fuq il-kuntratt.

10.4 Il-Viċi Sindku informa li l-*pet shop* il-ġdid li kien fetaħ kien talab sabiex jagħmel xi sinjali. Is-SE talbet lill-Viċi Sindku jagħmel it-talba uffiċjalment bil-miktub u jindika kemm jixtieq jagħmel sinjali u fejn u hi fir-risposta kienet se tgħaddilu l-*ispecifications* tas-sinjali.

10.5 Fuq talba tal-Viċi Sindku ma kienx hemm oġġezzjoni li titpoġġa tabella ta' *Dead End* in-naħa ta' fuq ta' Triq l-istazzjon.

10.6 Il-Viċi Sindku informa li matul ix-xahar li għadda l-ħaddiema tal-IPSL kienu għamlu xogħlijiet li jikkonċernaw Military Mtarfa, sar xogħol ta' żebgħa u xogħol fuq kaptelli.

10.7 Is-SE fakkret lill-Kunsill li nhar il-Ħadd 8 ta' Lulju l-Kunsilliera kollha kienu mistennija jattendu għal-laqgħa tal-lokalità fid-9:30am. Hija infurmat li matul dik il-ġimgħa kienu se jidhru l-avviżi fuq il-gazzetti lokali kif ukoll fuq il-gazzetta tal-gvern.

10.8 Il-Kunsillier Vella informa li kien hemm fergħa li kellha bżonn tinqata' viċin ta' Dar il-Kaptan.

10.9 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Vella dwar il-parkeġġ ta' quddiem Binja San David, is-SE infurmat li l-Perit kellu jdaħħal l-applikazzjoni għand TM u wara għand il-MEPA għall-approvazzjoni.

**11. AĠĠORNAMENT**

11.1 Il-laqgħa spiċċat fil-11:00pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 23 ta' Lulju 2012 fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Anthony Mifsud** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |